MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 307/2012

**Timothy Fenech**

**Vs**

**Paul Falzon**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' tmienja u tletin elf erbgha mija u erbgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€38,434.66) hlas akkont tal-prezz ghax-xiri tal-appartament numru tlieta (3), fit-tielet sular ta' blokk ta' appartamenti bla numru bl-isem ta' Eastbourne Flats, Blacktail Street, San Pawl il-Bahar. Jirrizulta li l-partijiet iffirmaw konvenju datat 2 ta' Gunju 2005 li bih il-konvenut obbliga ruhu li jbiegh l-imsemmi fond lill-attur. Fl-1 ta'

Settembru 2005 il-partijiet iffirmaw estensjoni tal-konvenju sat-2 ta' Marzu 2006.

Il-qorti semghet lill-attur jixhed waqt is-seduta tal-lum, li kkonferma li sad-data li fih kellu jigi ppubblikat il-kuntratt il-konvenut kien ghadu ma lestix ix-xogholijiet li jissemmew fi klawzola 11(a) tal-konvenju. Mill-verzjoni tal-attur m'hemmx dubju li kellu ragun li jirrifjuta li jaghmel il-kuntratt qabel jitlesta x-xoghol. F'kull kaz il-konvenju skada u ghalhekk tilef l-effetti kollha tieghu. Kull parti ghalhekk titqieghed fil-posizzjoni li kienet qabel iffirmat il-konvenju. Dan ifisser li l-konvenut ghandu obbligu li jirrifondi lura l-flus li rcieva minghand l-attur.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie notifikat permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni (Artikolu 187 tal-Kap. 12), izda baqa' ma kkontestax il-kawza u lanqas attenda ghas-seduti.

Il-qorti tqies li l-attur ipprova l-kaz tieghu u ghalhekk it-talbiet huma gustifikati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmienja u tletin elf erbgha mija u erbgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€38,434.66), bl-ispejjez kontra l-konvenut. L-imghax ghandu jghaddi mis-27 ta' Novembru 2012**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------